

32004R0278

L 47/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.2.2004

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 278/2004

tas-17 ta' Frar 2004

## li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' adittiv ġa awtorizzat fl-għalf ta' l-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna l-adittivi fl-għalf ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1756/2002 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 3 u l-Artikolu 9(e)(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/524/KEE tippredvi li l-ebda adittiv ma jista' jiġi ċċirkolat kemm-il darba ma tkunx ġiet konċessa l-awtorizzazzjoni tal-Komunità.
- (2) Fil-każ ta' l-adittivi msemija fit-Taqsima II ta' l-Anness C tad-Direttiva 70/524/KEE, li tinkludi l-enzimi, l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' adittiv ġa awtorizzat tista' tingħata jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dik id-Direttiva jiġu ssodisfati, u jekk bir-raġun jista' jitqies, fid-dawl tar-riżultati disponibbli, li meta jkun użat għan-nutrimint ta' l-annimali dan ikollu wieħed mill-effetti msemija fl-Artikolu 2(a) ta' dik id-Direttiva. Din l-awtorizzazzjoni proviżorja tista' tingħata għall-perjodu li ma jeċċedix l-erba' snin fil-każ ta' l-adittivi msemija fit-Taqsima II ta' l-Anness C ta' ma' dik id-Direttiva.
- (3) L-użu tat-taħlita enzimatika mill-endo-1,4-beta-ksilanasi mnisla mit-Trichoderma longibrachiatum (ATCC 2105) u s-subtilisina mnisla mill-Bacillus subtilis (ATCC 2107), kif imfisser fl-Anness, proviżorjament ġie awtorizzat għall-ewwel darba mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1636/1999 <sup>(3)</sup> għat-tiġieġ tat-tismin u d-dundjani.
- (4) Il-kumpanija produttriċi ppreżentat data ġdida għas-sostenn ta' l-applikazzjoni tagħha għall-estensjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' dan l-adittiv għat-tiġieġ tal-bajd.
- (5) L-eżami ta' din l-applikazzjoni ppreżentata għall-awtorizzazzjoni ta' dak li huwa użu ġdid ta' dan l-adittiv juri li l-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni proviżorja ġew issodisfati.

- (6) L-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel (il-Panel Xjentifiku dwar l-Addittivi u Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali) tat opinjoni favorevoli dwar dan l-adittiv fuq is-sigurtà tiegħu għat-tiġieġ tal-bajd taħt il-kondizzjonijiet ta' l-użu kif imfissera fl-Anness ta' ma' dan ir-Regolament.
- (7) L-użu ta' dan l-adittiv għat-tiġieġ tal-bajd għandu għaldaqstant jiġi awtorizzat proviżorjament għal perjodu ta' erba' snin.
- (8) L-eżami ta' l-applikazzjoni juri li ċerti proċeduri huma meħtieġa għall-ħarsien tal-ħaddiema mill-esposizzjoni għall-adittiv li jidher fl-Anness. Dan il-ħarsien għandu jiġi żgurat bl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni tal-miżuri biex jithegħeġ it-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol <sup>(4)</sup>, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Taħlita lesta li tkun tappartjeni lill-grupp ta' l-"Enzimi" kif imfisser fl-Anness hija proviżorjament awtorizzata għall-użu bħala adittiv għan-nutrimint ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 14.12.70, pġ. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 265, 03.10.02, pġ. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 194, 27.07.99, pġ. 17.

<sup>(4)</sup> ĠU L 183, 29.06.89, pġ. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 284, 31.10.03, pġ. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 2004.

*Għall-Kummissjoni*  
David BYRNE  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

ANNEX

Nru (jew Nru tal-KE)	L-adittiv	Il-formula kimika, deskrizzjoni	L-ispeċi jew il-kategorija ta' l-annimali	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Provedimenti oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' l-awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività kull kilogramm ta' ikel ta' l-annimali servut			
"L-enżimi								
37	L-endo-1,4-beta-ksilanasi KE 3.2.1.8 Is-subtilisina KE 3.4.21.62 (L-avizima 1300)	It-taħlita ta' l-endo-1,4-beta-ksilanasi mmissla mit- <i>Trichoderma long-ibrachiatum</i> (ATCC 2105) u s-subtilisina mmissla mill- <i>Bacillus subtilis</i> (ATCC 2107), b'attività minima ta':  – endo-1,4-beta-ksilanasi: 2 500 U <sup>(1)</sup> /gramma  – subtilisina: 800 U <sup>(2)</sup> /gramma	It-tiġieġ tal-bajd	–	endo-1,4-beta-ksilanasi: 1 875 U  subtilisina: 600 U	–  –	1. Fl-istruzzjonijiet ta' l-użu ta' l-adittiv u t-taħlita lesta, urit-temperatura għall-ħażna, il-ħajja tal-ħażna u l-istabbiltà tat-tgerbib.  2. Id-doża rakkomandata kull kilogramm ta' għalf ta' l-annimali servut: – endo-1,4-beta-ksilanasi: 1 875 U – subtilisina: 600 U.  3. Għall-użu fl-għalf ta' l-annimali mħallat per eżempju fejn aktar minn 65 % tiegħu jkun magħlef.	tat-18.2.2008

<sup>(1)</sup> 1 U huwa l-ammont ta' enżima mill-ksilan tal-ħafur li kull minuta f'pH ta' 5,3 u 50 °C jillibera 1 mikrogramma molekulari ta' karboidrati gluċidi li jistgħu jkunu ossidizzati (ugwali għall-ksilosju).

<sup>(2)</sup> 1 U huwa l-ammont ta' enżima mis-sustrat tal-kaseina li kull minuta f'pH ta' 7,5 u 40 °C jillibera 1 mikrogramma ta' taħlita ta' aċidu karboliku (sustanzi ugwali għat-tirosina)."